## HUMA KOLLOX!

*Ta'* Ġer. Azzopardi

INQUM fil-għodu, u noħroġ għax-xogħol bil-għaġla sabiex nitma' 'l uliedi u niekol jien. Lura fil-għaxija għal ġod-dwejra kennija fejn insib jistennewni 'l marti u lil uliedi li bil-qabża jiġu jiddendlu miegħi waqt li jneħħuli l-ħedla u l-għeja; sa ġewwa jwassluni u e'f ħaġa jsaqsuni jew igħiduli waqt li ommhom tlestili platt sħun. Niekol u waqt l-ikel, ta' ħaddiem li jiena, inħallihom jixirfu ma' ġenbi sabiex innewlilhom xi gidma. Wara ftit logħob magħhom huma ma' ommhom jinġabru jorqdu waqt li jien nisħar xi ftit b'xi ktieb, gazzetta jew lapis. Niftaħ irradju biex nisma' xi nitfa mużika, iżda ħin bla waqt ikolli nagħalqu l-għaliex waħda jaħli ġmie'u, u mnejn inħallas ma jkollix, u l-oħra għaliex l-għada rrid nisbaħ għax-xogħol.

Hekk hu kif qed inqatta' ħaiti bħal issa. Ħidma mħallta bid-dwejjaq waqt ix-xogħol, id-dar nitliegħeb ma' wliedi u l-għaxqa titħallas ma' l-inkwiet ta' xi marda, xi mewt jew ħtiġijiethom, ħwejjeġ li jien ma nistax inlaħħaq magħhom.

Fihom il-għaxqa fit-trobbija l-innoċenza tagħhom iddewweb il-qlub u din il-għaxqa tegħleb it-toqol tal-madmad. Fihom il-ħsieb, fihom ix-xogħol l-iżjed għal ommhom, iżda din ukoll l-iżjed meta tkun taqbel ma' żewġha ssib l-għaxqa fit-trobbija, għax tgħid xi tgħid il-bniedem hu maħluq biex minnu jitnisslu l-ulied. U fejn isaltan il-ftehim bein il-kapijiet ir-rabta tkun sħiħa u t-tfal jikbru iżjed f'sikkithom. Nixtieqhom idumu jgawduni għa'lanqas sa ma huma bħall-għasafar jibdew itiru u ma jkollhomx bżonn min iżoqqhom iżjed.

U meta nitla' norqod u fid-dawl baxx nara dawk l-uċuh ħelwin jistrieħu jien inġarrab ġo qalbi ferħ sieket u nitfgħalhom bewsa ħiemda sabiex ma nqajjimhomx.

Uliedi, it-teżori tiegħi — l-aqwa teżori li missier jista' jkollu — Alla jħarishomli u jieqaf magħhom!

---

# DUN MIKIEL XERRI

———0:0————

### BUZZETT STORIKU

### TA' ĠINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

MALTA 1949.